



7.9.2015

0044/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata

**Laura Ferrara (EFDD), Marco Valli (EFDD), Petri Sarvamaa (PPE),
Bart Staes (Verts/ALE), Barbara Spinelli (GUE/NGL), Ingeborg Gräßle
(PPE), Michael Theurer (ALDE), Dennis de Jong (GUE/NGL),
Monika Hohlmeier (PPE), Benedek Jávor (Verts/ALE), Sergio Gaetano
Cofferati (S&D), Ignazio Corrao (EFDD), Fabio Massimo Castaldo
(EFDD)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata¹

1. Skont id-data pprovduta mill-Europol, eluf ta' gruppi tal-kriminalità organizzata huma attivi fl-Ewropa, gruppi li jinfiltraw u jinfluwenza swieq legali kif ukoll proċessi politiċi u istituzzjonali, li jimminaw l-istat ta' dritt u d-drittijiet fundamentali.
2. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus bħala kwistjonijiet politiċi ta' prijorità għolja. Dan l-aħħar l-UE rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.
3. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, fit-23 ta' Ottubru 2013 il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu, li fihom bosta rakkomandazzjonijiet li għandhom ma ġewx implimentati.
4. Sabiex tevita u tostakola l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-livell Ewopew u biex tiżgura protezzjoni effikaċi tad-drittijiet fundamentali u l-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni hija għalhekk mitluba li ttipprovi impenn ċar bil-għan li jinħoloq mekkaniżmu ta' monitoraġġ regolari fl-Istati Membri, tteġġeg l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, tidentifika strumenti ġodda xierqa u timplimenta dawk eżistenti.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarij, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.